V

(Avviżi)

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

Il-Każ: M.10051 – Allianz SE/TEF Infra/UGG

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2020/C 403/06)

1. Fit-18 ta' Novembru 2020 il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Allianz SE ("Allianz", il-Ġermanja),

— Telefónica Infra, S.L.U. ("TEF Infra", Spanja),

— Unsere Grüne Glasfaser GmbH & Co. KG ("UGG", il-Ġermanja).

Allianz u TEF Infra se jakkwistaw indirettament kontroll konġunt skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet fuq it-totalità tal-UGG. UGG bħalissa hija kkontrollata biss minn TEF Infra.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— għal Allianz: kumpanija possedenti aħħarija tal-grupp Allianz. Il-grupp Allianz joffri firxa komprensiva ta' prodotti u servizzi tal-assigurazzjoni u tal-ġestjoni tal-assi kemm lil klijenti privati kif ukoll lil dawk korporattivi f'aktar minn 70 pajjiż.

— għal TEF Infra: f'isem il-Grupp Telefónica, il-ġestjoni u l-monetizzazzjoni ta' portafoll ta' assi, li jiffoka fuq l-iżvilupp u l-monetizzazzjoni tat-torrijiet, is-sistemi distribwiti tal-antenni, iċ-ċentri tad-*data* (inkluż l-EDGE), u l-proġetti tal-fibra fil-maħdar u ta' kejbils taħt il-baħar, fost l-oħrajn.

— għal UGG: it-tfassil, l-introduzzjoni, it-tħaddim u l-kummerċjalizzazzjoni ta' netwerks tal-fibra ottika FTTH f'żoni rurali u semirurali definiti fil-Ġermanja.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont in-Notifika tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru No 139/2004 ([2]) jenħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fin-Notifika.

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 ("ir-Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati sabiex iressqu l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jenħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.10051 – Allianz SE/TEF Infra/UGG

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-posta elettronika, bil-faks jew bil-posta. Int mitlub tuża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Posta elettronika: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 122964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË